**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 316 tal-25 ta' Frar 2025 dwar talba għall-Aġġornament tal-Kamra skont Ordni Permanenti 14**

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni mqajma hekk kif il-Prim Ministru temm il-konklużjoni tiegħu dwar l-istqarrija li kienet mibdija minnu fis-seduta tal-bieraħ, u kompliet bħala Ordni tal-Ġurnata fuq l-Aġenda tal-lum. Is-Sedja tinnota li t-talba hija għall-aġġornament tal-Kamra għal għada, sabiex tiddiskuti:

1. L-istqarrija ministerjali li kien għadu kif għamel il-Prim Ministru; u
2. Il-mozzjoni numru 339 li kienet għadha kif ġiet ippreżentata minnu u mill-Onor. Darren Carabott ftit tal-minuti qabel.

Is-Sedja kkunsidrat it-talba taħt l-Ordni Permanenti 14 li jgħid li:

> "14. Meta ssir mozzjoni għall-Aġġornament ta' diskussjoni fjewtal-Kamra waqt diskussjoni, jew illi l-President ta' Kumitat għandu jirrapporta progress jew għandu jitlaq mis-Siġġu, id-diskussjoni għandha wara hekk tiġi limitata għall-kwistjoni ta' dik il-mozzjoni,u ebda membru li jkun ressaq jew issekonda xi mozzjoni bħal dikma jkollu dritt iressaq jew jissekonda xi mozzjoni oħra bħalha matul l-istess diskussjoni."

Is-Sedja tirrileva illi mozzjoni ta' aġġornament imressqa taħt dan l-Ordni Permanenti hija waħda ta' natura dilatorja, dan sakemm din il-mozzjoni ma tkunx qiegħda titlob diskussjoni dwar materja speċifika, f'liema każ il-mozzjoni ssir waħda sostantiva. Dwar dan hemm ruling tal-Ispeaker Michael Frendo fis-seduta 505 tat-8 ta' Ottubru 2012 fejn jispjega b'mod ċar id-distinzjoni, u nikkwota:

> "Qabelxejn irridu nikkonsidraw in-natura ta' din il-mozzjoni. Mozzjoni ta' aġġornament tista' tkun jew dilatorja jew sostantiva. Mozzjoni ta' aġġornament dilatorja għandha r-regoli tagħha. Meta l-mozzjoni ta' aġġornament tkun titlob ukoll il-materja li trid tiġi diskussa din ma tkunx fin-natura tagħha mozzjoni dilatorja imma mozzjoni sostantiva. Għaldaqstant hija regolata bħala tali mozzjoni sostantiva b'regoli tagħha fosthom l-Ordni Permanenti 22. Din l-Ordni tgħid li 'għandu jingħata avviż ta' mill-inqas tlett ijiem għall-interpellanza jew għall-mozzjoni.' ...."

Barra minn hekk, is-Sedja tirrimarka wkoll li l-Istqarrija Ministerjali mill-Prim Ministru saret, kull Membru li ried jagħmel il-mistoqsijet tiegħu kellu l-opportunità li jagħmilhom, u li l-Prim Ministru indirizza l-interventi li kien hemm u b'hekk ikkonkluda dan l-item fuq l-aġenda, tant li s-Sedja sejħet l-għall-item li jmiss.

Kien hawn li talab il-kelma l-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra.

Dwar il-parti tat-talba sabiex tiġi diskussa l-mozzjoni ta' sfiduċja li kien għadu kif ippreżenta l-Kap tal-Oppożizzjoni, is-Sedja tinnota li din hi mozzjoni sostantiva fin-natura tagħha, allura tirrikjedi avviż ta tliet ijiem skont l-Ordni Permanenti 22, u bħala xogħol privat hija regolata wkoll permezz tal-mozzjoni ta' proċedura 87.

Għal dawn ir-raġunijiet is-Sedja ma tistax tilqa' din il-mozzjoni u l-Kamra tgħaddi għalhekk għall-item li jmiss.